MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1467/1985/1

Carmelo Calleja
vs
Joseph Gauci Maistre

Il-Qorti,

## A. CITAZZJONI:

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:

Illi b'att ta' konvenju tat-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena korrenti (Dok A) il-konvenut intrabat u obbliga ruhu li jixtri u jakkwista minghand l-attur (a) il-kumpless u negozju maghruf bhala 'St Anthony Farm' go Xwieki Road, limiti ta' Hal-Gharghur, u li fil-permessi tal-Pulizija huwa mnizzel bhala li jinsab fin-Naxxar; (b) il-bini esternament innumerat u mdawwar b'cint, bil-kumpless kollu tal-kejl intier ta' cirka tomna (1 Tum.), ekwivalenti ghal elf mija u erbgha u ghoxrin metru kwadru (1124m2), imiss mill-Punent u mil-Lbic mat-triq u mill-Grigal ma' gid ta' Carmelo Micallef, jew irjieh ohra, suggett ghac-cens

perpetwu ta’ ghoxrin lira (Lm20) fis-sena jihallsu bil-quddiem, u minn kull piz iehor mehlus; u (c) l-avvjament, il-‘goodwill’, il-klijentela u l-ghodda u l-armar kollu, kollox versu l-prezz ta’ ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) u taht il-kundizzjonijiet hemmhekk indikati.

Illi fl-istess att ta’ konvenju il-partijiet ikkonkludew il-bejgh u l-konvenut xtara u kiseb minghand l-attur it-tjur kollha u l-gwiez kollu ezistenti fil-kumpless fuq deskritt u dan ghall-prezz ta’ tmien mitt lira (Lm800) (Klawsola Ghaxra).

Illi dakinhar li sar il-konvenju, l-attur irrilaxxa a favur tal-konvenut ricevuta ghal elf lira (Lm1,000) li l-konvenut hallas akkont tal-prezz miftiehem ghax-xiri tal-kumpless.

Illi sa minn dakinhar li sar l-att tal-konvenju, il-konvenut ha pussess esklussiv tal-kumpless fuq deskritt (Klawsola Tnax) u ghadu sallum fil-pussess tieghu.

Illi l-promessa tal-bejgh kienet assolutament dipendenti fuq li jduru l-permessi kollha li hemm fuq dan il-farm u cioe` l-permessi tal-Pulizija dwar il-farm u dwar is-‘slaughterhouse’ a favur tal-konvenut, liema permessi fil-fatt illum il-gurnata daru fuq il-konvenut kif kellu jigi pruvat waqt it-trattazzjoni.

Illi l-partijiet ftehmu li l-att definittiv ried isir fi zmien xahar minn meta johrog il-permess tal-Kummissarju tal-Artijiet u jkunu nqalbu l-permessi kollha (Klawsola Hdax) u llum il-gurnata tali permess tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet hareg ukoll, kif kien jaf il-konvenut.

Illi l-attur wettaq l-obbligi kollha minnu assunti fl-att tal-konvenju, u ghalhekk l-att definittiv seta’ jsir.

Illi ghalkemm l-attur insista ma’ u anke interpella ufficjalment lill-konvenut biex jaddivjeni ghall-att definittiv, il-konvenut kien baqa’ jirrifjuta li jersaq ghall-kuntratt bla ebda raguni valida fil-ligi, u kien ghadu ghalhekk inadempjenti.

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tikkundanna u tordna lill-istess konvenut, jekk mehtieg wara li tiddikjara li m'hemm xejn x'jostakola li jsir dan, sabiex jersaq ghall-att definittiv tal-bejgh tal-kumpless u tan-negozju maghruf bhala "St. Anthony Farm", go Xwieki Road, fil-limiti ta' Hal-Gharghur, tal-bini li jinsab fl-imsemmi 'farm' u tal-avvjament, il-'goodwill', il-klijentela u attrezzi kollha u dan taht il-kundizzjonijiet pattwiti fl-att tal-konvenju tat-tlettax (13) ta' Mejju 1985; u

2. Tiffissa l-jum, il-hin u l-post fejn tali att definittiv ghandu jigi pubblikat u tinnomina Nutar biex jippubblika l-imsemmi kuntratt u jekk hemm bzonn, biex tinnomina kuraturi ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-1 ta' Ottubru 1985 u ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Ottubru 1985, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li baqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-attur, il-ghaliex il-konvenut kellu ragunijiet validi skond il-ligi biex ma jaddivjenix ghall-att definittiv ta' xiri tal-kumpless u negozju maghruf bhala St Anthony Farm.

Illi wara li gie ffirmat il-konvenju nstab illi l-fond in vendita huwa soggett ghall-obbligu li jinghalqu zewgt itwieqi li ghandhom prospett fuq il-fond adjacenti, proprjeta` ta' terzi, u li qeghdin hemm b'mera tolleranza, liema obbligu ma rrizultax la mill-att tal-konvenju, la mill-att tal-akkwist ta' l-attur u liema obbligu gie mistur lill-konvenut mill-istess attur.

Illi l-attur ma wettaqx u ma setax iwettaq l-obbligi kollha minnu assunti liberament fl-att tal-konvenju u ghalhekk l-att definittiv ma setax isir.

Illi kif kellu jigu ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-fond u kumpless in vendita mhumiex kif deskritti fl-att tal-konvenju.

Illi kif kellu jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-attur iffirma l-att tal-konvenju bl-akbar mala fede u ghalhekk il-kunsens tal-eccipjent kien ivvizzjat.

Illi l-konvenut avvalixxa ruhu mill-fakulta` li ttih il-ligi u ghamel is-segwenti kontro-talba kontra l-attur sabiex jigu likwidati d-danni li sofra l-konvenut minhabba l-mala fede u inadempjenza tal-attur, u sabiex l-attur jigi kundannat ihallas lill-konvenut kemm id-danni hekk likwidati kif ukoll is-somma ta' Lm1,000 akkont tal-prezz li l-konvenut lahaq hallas lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda.

**C. KONTRO TALBA:**

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Joseph Gauci Maistre li biha ippremetta:

Illi l-kontendenti, fit-13 ta' Mejju 1985, iffirmaw konvenju bejniethom, li permezz tieghu l-attur obbliga ruhu li jbigh u l-konvenut obbliga ruhu li jixtri l-kumpless u negozju maghruf bhala St. Anthony Farm, taht il-kundizzjonijiet u modalitajiet kollha stipulati fl-istess att ta' konvenju.

Illi l-konvenut lahaq hallas akkont tal-prezz, is-somma ta' Lm1,000 lill-attur.

Illi l-attur iffirma l-istess att ta' konvenju bl-akbar ***mala fede*** kif kellu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u mid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut.

L-att definittiv ma setax isir minhabba r-ragunijiet kollha elenkati fid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut.

Il-konvenut talab lill-Qorti biex:

1) Tiddikjara li l-attur iffirma l-konvenju mal-konvenut fit-13 ta' Mejju 1985 bl-akbar ***mala fede*** u b' hekk ivvizzja l-kunsens tal-konvenut u ghalhekk l-istess att ta' konvenju huwa null u inezegwibbli.

2) Tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-konvenut konsegwenzjalment ghall-***mala fede*** ta' l-attur.

3) Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-konvenut.

4) Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut id-danni hekk likwidati; u

5) Tikkundanna lill-attur jirrifondi u jhallas lill-konvenut is-somma ta' Lm1,000 li l-konvenut kien hallas lill-attur akkont tal-prezz ta' l-istess St. Anthony Farm, bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ingunt ghas-subizzjoni u b' riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-konvenut.

Rat d-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

**D. ECCEZZJONIJIET GHALL-KONTRO-TALBA:**
Rat n-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut li eccepixxa:

1. Preliminarjament, in-nullita` tal-kontro-talba minhabba ksur manifest ta' partikolarita` u tal-forma preskritti espressament mil-Ligi ghal tali att gudizzjarju.

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-konvenut huma ghal kollox nieqsa minn bazi fattwali u guridika, stante li mhux minnu li l-att definittiv ma setax isir, izda kien biss il-konvenut li bla gustifikazzjoni ta' xejn

naqas li jersaq ghall-kuntratt u l-***mala fede*** tinsab fih u mhux fl-attur.

3. Illi mhu minnu xejn li l-attur wera xi ***mala fede*** fil-konfront tal-konvenut, li sa minn ftit wara l-iffirmar tal-konvenju kellu access illimitat ghall-kumpless u kellu kull fakulta` li jara b' ghajnejh x' kien ser jixtri, u qatt ma ghamel ilment qabel giet istitwita l-kawza prezenti.

4. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet tieghu ghall-kundanna ta' l-attur ghar-responsabbilita` u l-hlas ta' xi danni pretisi mill-konvenut, ghax kif kellu jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni, huwa l-konvenut li kellu jhallas lill-attur.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur.

Rat il-verbali taghha tal-21 ta' Marzu, 1986 fejn il-Qorti innominat lil Dr. Emanuel Mallia bhala perit legali; tal-21 ta' Mejju, 1986 fejn il-partijiet qablu li l-kontro-talba llum tinsab notifikata lill-attur regolarment; tal-20 ta' Marzu, 1987 fejn il-Qorti iddisponiet mir-rikors tal-konvenut Joseph Gauci Maistre tas-7 ta' Novembru, 1986 billi laqghet it-talba tar-rikorrenti konvenut, u ordnat l-isfilz tax-xhieda li xehedu quddiem il-Perit Legali u ordnat li l-process jigi ritornat lura fir-registru u irrikjamat il-kawza quddiemha u ddifferieta ghall-24 ta' Marzu, 1987.

Rat in-nota tal-attur tal-1 ta' Lulju 1988 fol 92 tal-process li permezz taghha ceda l-atti tac-citazzjoni minnu proposta kontra l-konvenut Joseph Gauci Maistre, stante li m' ghandux izjed interess ghar-rigward tat-talbiet hemm kontenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**E. PROVI:**

Xehed l-attur Carmelo Calleja u semma li fit-23 ta' Marzu 1985 kien ra avviz f'gazzetta lokali li kien hemm xi hadd interessat li jixtri farm. Huwa ghalhekk cempel lil din il-persuna li sussegwentement irrizulta li kienet il-konvenut u ltaqa' maghha dakinhar stess biex ikun jista' jurih il-farm. Semma li minn dakinhar 'il quddiem il-konvenut beda jmur ta' sikwit ghandu biex jara l-post u mill-1 ta' April 1985 beda jmur ukoll id-dar tieghu u bdew jithaddtu fuq il-prezz u ra xi karti tax-xoghol li kellu. Qal li kienu jdumu jithaddtu u fil-15 ta' April ftehmu fuq il-prezz. L-ghada kien tah cheque ta' Lm500 u l-attur kien tah set cwievet. Semma li l-bini principali kellu fuqu l-permessi necessarji biex jintuza bhala farm ghalkemm kien hemm xi kamra taz-zingu li kienet mibnija bla permess u xi twieqi li setghu jigu maghluqa mis-sid ta' ma' gembu izda ghall-konvenut din ma kenitx problema. L-attur qal li l-bicca l-kbira meta kien imur ikellmu l-farm kien ikun hemm dejjem il-mara tieghu.

Fid-19 ta' April 1985 kienu marru ghand l-Avukat Godfrey Gauci Maistre li jigu hu l-konvenut biex jaghmlu l-att tal-konvenju. L-attur mieghu kien ha lil Lino Attard u meta gew biex jiffirmaw il-konvenju, il-konvenut ma ffirmahx ghax qal li ried jara xi haga ohra. Semma li l-konvenut kien baqa' jmur il-farm ikejjel il-bini u jara l-affarijiet. Fit-13 ta' Mejju 1985 kienu regghu marru ghand l-Avukat u kienu ffirmaw il-konvenju relattiv ghat-trasferiment ta' tali farm, vide dok A esebit fl-atti. Qal li l-konvenut dakinhar kien tah Lm500 u hu kien tah is-sett cwievet l-iehor li kien ghad ghandu u l-ghada kienu marru l-farm u ghamlu l-inventarju flimkien.

Semma li fit-13 ta' Settembru 1985 erba' xhur mill-konvenju kien mar ghand il-konvenut u talbu jaghtih l-elf lira ai termini tal-klawsola numru 13. Qal izda li l-konvenut kien gie bil-paroli u kien qallu li kien qed jaqta' qalbu jmexxi l-farm wahdu u kien offrielu biex jidhol shab mieghu u wara jaghtih l-elf lira izda hu rrifjuta. Qal li marru biex jaqilbu l-permessi necessarji tal-farm fuq il-konvenut liema permessi daru ghal fuqu regolarment. Semma li kien rega' mar ghand Dr. Gauci Maistre biex jara f'hiex kienu waslu l-affarijiet biex isir il-kuntratt. Hu

kien qallu li l-affarijiet mexjin u li l-konvenju kien f'idejn in-Nutar Spiteri Maempel. Wara qal li kien mar ghand in-Nutar Spiteri Maempel izda dan qallu li ma jaf xejn fuq il-kaz tieghu u qallu li kien ser ikellem lill-avukat. L-ghada jispjega li rega' mar ghand in-nutar u dan qallu li l-affarijiet kienu f'idejh u wara ghaxart ijiem kollox kien lest u li kien ser jibghat ghalihom ghall-kuntratt. Semma li gimgha wara rega' mar ghand in-Nutar u dan qallu li l-konvenut kienu waqqfu izda ma qallux ghalfejn u ghalhekk mar ghand l-Avukat tieghu Dr. George Abela u ppresenta din il-kawza. Qal li qabel ma pprezenta l-kawza odjerna kien iltaqa' mal-konvenut l-Qorti u d-diskors waqa' li l-konvenut lest jersaq ghall-kuntratt jekk il-prezz jigi ridott ghall-Lm15,000. Huwa ma accettax u ghalhekk kompla b'din il-kawza. Qal li l-farm sa dak in-nhar li xehed kien ghadu f'idejh u apparti li kien juzah ghat-tjur kien juzah ukoll ghal affarijiet ohra. Il-konvenut qatt ma resaq ghall-kuntratt.

Xehed <u>PC 1079 Carmel Zerafa</u> u esebixxa kopja tal-permess li hemm mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija dok CS (fol. 68) fuq il-farm in kwistjoni u li tali permess jghajjat lil Joseph Gauci Maistre. Dan il-permess hareg fit-23 ta' Lulju 1985 u gie mhallas anke ghas-sena 1986. Meta gie riprodott semma li qabel il-permess kien ighajjat lil Carmel Calleja u fil-fatt esebixxa kopja tieghu li gie mmarkat mill-Qorti bhala dok CZ1 (fol. 83).

Fl-affidavit mart l-attur <u>Philomena sive Phyllis Calleja</u> semmiet li hi kienet tmur regolarment il-farm ta' zewgha l-attur. Qalet li lill-konvenut ilha tafu mit-23 ta' Marzu 1985 cioe` mill-ewwel darba li kien mar jara l-farm ghax kien interessat fih. Qalet ukoll li kien imur id-dar taghhom biex jaraw kif kellu jsir it-trasferiment tal-farm u hwejjeg ohra. Semmiet li darba meta kienu fil-farm l-attur kien qal lill-konvenut fil-prezenza taghha li kien hemm zewgt itwieqi fl-ewwel sular tal-farm li setghu jigu ordnati maghluqa mill-girien izda sostniet li l-konvenut wiegeb li ma jimpurtahx. Qalet ukoll li kien qallu wkoll li kien hemm zewgt ikmamar taz-zingu li kienu mibnija bla permess izda hu qallu wkoll li ma kienx jimporta.

Qalet li l-ghada li l-konvenut kien ha l-farm f'idejh hi u l-attur kienu telghu l-farm u ghamlu l-inventarju ta' l-attrezzi li kienu ser ihallu fil-farm. Semmiet li l-attur kien baqa' jmur ghal xi zmien il-farm wara li l-konvenut kien ha l-pussess tieghu u dan biex jghallem lill-konvenut kif ghandu jmexxi l-istess farm. Qalet li hi u l-attur ma baqghux imorru l-farm u meta kienet tghaddi minn quddiemu kienet tara diversi karozzi, dghajsa u xi vannijiet ipparkjati f'inhawi diversi tal-farm fejn suppost kellhom jitrabbew it-tigieg.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Eugenio Gauci (fol. 75)</u> habib tal-attur. Dan qal li lill-konvenut jafu ghax gieli rah kemm fil-farm kif ukoll fid-dar ta' l-attur meta kien imhajjar li jixtri l-farm ta' l-attur. Semma li fil-Hadd 2 ta' Frar 1986 hu kien ra lill-konvenut fil-farm ta' l-attur u dan kien mar qal lill-attur wara li l-istess attur kien qallu biex jara jekk il-farm kienx qed jinfetah.

Xehed in-<u>Nutar Dr Gerald Spiteri Maempel</u> u qal li hu kien gie nkarigat biex wara li sar il-konvenju bejn il-partijiet japplika ghall-permessi tal-Lands Department u jmexxi biex isir il-kuntratt. Qal li kien applika ghall-permess f'isem Joseph Gauci Maistre fl-1 ta' Ottubru 1985 u l-permess relattiv kien hareg tlett ijiem wara. Semma li lilu kien inkarigah Dr Godfrey Gauci Maistre hu l-konvenut xi gimgha jew ghaxart ijiem qabel ma kien ghamel l-applikazzjoni. Qal li l-attur kien mar ikellmu hafna drabi fil-perjodu minn meta Dr Gauci Maistre kellmu sa kemm ghamel l-applikazzjoni. Semma li wara li hareg il-permess kien informa lil Dr Gauci Maistre izda wara dan kien infurmah li kien hemm xi problemi izda hu ma kienx dahal fihom.

Illi nhar it-30 ta' April 2003 il-konvenut pprezenta nota (fol. 272) li permezz taghha ddikjara li m'ghandux aktar provi xi jressaq u li kien qed jillimita l-pretensjonijiet kontenuti fl-istess kontro-talba kif hemm indikat.

1. L-ispejjes kollha tal-kawza skond il-ligi stante li l-attur ceda l-atti tal-kawza.

2. Ir-refuzjoni tas-somma ta' elf lira maltija (LM1,000) li kien hallas akkont tal-prezz.
3. L-imghaxijiet legali bit-8% fil-mija skond il-ligi fuq is-somma fuq citata li ghandhom jiddekorru fuq il hames mitt lira (LM500) mis-16 ta' April 1985 u fuq il-hames mitt lira (LM500) l-ohra mit-13 ta' Mejju 1985 (vide skrittura privata Dok. A annessa mal-att tac-citazzjoni mill-attur rikonvenut).
4. L-ispejjes kollha fis-somma ta LM97.27,7 kif elenkati fid-dokumenti mmarkati dok JGM1, JGM4, JGM5 u JGM6 esebiti fis-seduta tat-12 ta Frar 1990.
5. L-imghaxijiet bit-8% fil-mija skond il-ligi fuq is-somma fuq citata.
6. Is-somma ta LM 245 rappresentanti nuqqas fil-kejl tal-gwiez.
7. L-imghaxijiet bit-8% fil-mija skond il-ligi fuq is-somma fuq citata.
8. Somma li ***arbitrio boni viri*** tista' tigi ffissata fl-ammont ta' LM1000 biex tkopri t-telf zghir, il-***mano d'opera*** tal-esponent, it-tiswijiet fil-fond u spejjes ohra li saru ghall-beneficcju tal-fond.

Il-konvenut meta xehed semma li kien is-Sur Hanson li kien qallu li r-rata ta' mortalita` kienet qawwija minhabba kongestjoni, izda li kien qallu wkoll li ma kienx hemm twieqi bizzejjed f' certu postijiet. Hanson kien ipproponielu li jzid it-twieqi u jintroduci l-artificial ventilation. Sostna li kien gie mqarraq dwar il-klijentela. Ilmenta fuq diversi affarijiet li skondtu ma kienux kif kien qallu l-attur. Hu nduna b' xi affarijiet wara li ffirmaw il-konvenju u nqalbu l-licenzji. Sostna li d-deep freeze room kienet f' kundizzjoni hazina u lmenta wkoll dwar l-impjant tas-slaughter house.

## D. KONKLUZJONIJIET:

1. Dwar it-talba attrici jinghad illi permezz ta' nota tal-1 ta' Lulju 1988 l-attur ceda l-atti tac-citazzjoni stante li m' ghandux aktar interess ghar-rigward tat-talbiet hemm kontenuti. Jidher car ghalhekk li l-Qorti m' ghandhiex ghalfejn tinvestiga ulterjorment it-talbiet attrici per se u anke dwar dawk li huma l-ispejjez tat-talbiet attrici dawn ghandu jbaghtihom l-attur stess.

2. Il-konvenut ghamel kontro-talba. Issa l-ewwel punt huwa li l-attur isostni li din hija nulla minhabba ksur manifest tal-partikolarita` u tal-forma preskritta u jiccita l-artikolu 398 (3) tal-Kap. 12 u jaghmel enfasi li din ghandha tigi notifikata lill-attur. L-attur isostni li din il-partikolarita` ma gietx imharsa mill-ligi u ghalhekk isostni li l-kontro-talba hija wahda nulla u bla effett. Izda b' verbal tal-21 ta' Mejju 1986 fol 25 tal-process jinghad li "l-partijiet jaqblu li l-kontro talba llum tinsab notifikata lill-attur regolarment." Il-Qorti ghalhekk bil-fors li trid tqis tali verbal vinkolanti ghax altrimenti naslu fi stat fejn il-verbali mill-partijiet ma jiswew xejn aktar. Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-attur fil-kontro-talba.

3. Fit-talbiet tieghu tal-kontro-talba l-konvenut talab li din il-Qorti tiddikjara li l-attur iffirma l-konvenju mieghu bl-aktar mala fede u ghalhekk ivvizzja l-kunsens. Sekondarjament talab id-dikjarazzjoni tar-responsabbilta` minhabba l-mala fede u l-likwidazzjoni tad-danni sofferti kif ukoll hlas taghhom u specifikament talab ir-rifuzjoni tal-Lm1000 li l-konvenut kien hallas lill-attur akkont tal-prezz pattwit. L-attur eccepixxa li dan huwa kollox bla bazi fattwali minhabba li kien il-konvenut li kien bla gustifikazzjoni ta' xejn li naqas li jersaq ghall-kuntratt. Jinghad li l-konvenut ilmenta minn diversi aspetti kif issemma in succint hawn fuq u dettaljatament matul il-kwantita` ta' seduti li saru, liema xhieda tinsab fil-process, izda donnu l-ilment principali huwa dwar it-twieqi li fil-fatt kienu minghajr permess. Izda hawnhekk il-Qorti tosserva li jidher car li l-konvenut kien jaf l-istat ta' affarijiet kif kienu u xorta wahda ghazel li jipprocedi jaghmel il-konvenju. Dan jidher abbondantament car mid-depozizzjoni kemm tal-attur kif ukoll ta' martu li semmew li qabel ma sar il-konvenju dan l-aspett kien issemma. L-ilmenti l-ohra tieghu dwar l-aspetti l-ohra setghu gew evalwati qabel ma sar il-konvenju. Kien jinkombi fuq l-istess konvenut li qabel ma jiftiehem ghax-xiri li jezamina sewwa u dettaljatament kemm kien adegwat ir-razzett imsemmi, kif ukoll l-aspetti dwar trobbija tal-annimali u konnessjonijiet kummercjali. Jidher li f' din l-evalwazzjoni l-konenut kien zbaljat izda kien jinkombi fuqu stess li qabel ma jikkonkludi l-konvenju jezamina sewwa dawn l-affarijiet, u

ghalhekk il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni dwar l-aspetti tal-mala fede u danni involuti.

4. Jibqa' biss ghalhekk li l-Qorti tezamina jekk ghandux ikun hemm ir-rifuzjoni tal-Lm1000 imsemmija fil-konvenju. Dan il-hlas kien sar mill-konvenut permezz ta' zewg pagamenti ta' Lm500 wiehed fis-16 ta' April 1985 u l-iehor fid-data tal-konvenju u cioe` t-13 ta' Mejju 1985, u dan "akkont tal-prezz fuq imsemmi". Issa irrizulta li l-effetti kollha tal-konvenju gew terminati u l-attur ceda l-mertu tal-kawza. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur maghmula fil-kontro talba relativament ghal dawn l-Lm1000 u f' dan ir-rigward tichad l-eccezzjoni tal-attur. Ghalhekk tilqa' l-hames talba tal-konvenut fil-kontro talba tieghu. Dwar l-aspett tal-imghax fuq l-Lm1000 din qed tigi deciza llum bhala dovuta u ghalhekk mhux il-kaz li jghaddi l-imghax fuqhom precedentement. Ghalhekk huwa dovut mill-attur lill-konvenut biss ir-rifuzjoni tal-Lm1000.

5. Dwar spejjez tal-kontro talba dawn ghandhom jigu sopportati bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------